MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 159/2006

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**vs**
**Avukat Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno li permezz tad-digriet tat-30 ta' Mejju 2006 gew mahtura kuraturi nominati sabiex jirraprezentaw l-interesi tal-assenti C B u b'digriet tat- 22 ta' Mejju 2007 l-istess kuraturi deputati gew estromessi stante li l-konvenut C B assuma l-atti personalment.**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**
Rat ir-rikors gurmanetat, ipprezentat mill-attrici **A B** li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fit-3 ta' Dicembru 1996 hija izzewget lill-intimat C B b'rit civili fir-Registru taz-zwieg, il-Belt Valletta;

2. Illi l-konvenut huwa tat-twemmin musulman u nazzjonalita' Egizzjana;

3. Illi l-konvenut meta kkontratta l-imsemmi zwieg la kellu l-hsieb li z-zwieg ikun permanenti ghall-hajja, u lanqas li ma jistax ikollu aktar minn mara wahda fl-istess hin.

Talbet lil Qorti:

Tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti tat-3 ta' Dicembru 1996 kien vizzjat ghar-ragunijiet premessi u ghaldaqstant tiddikjarah null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-l-attrici u l-elenku tad-dokumenti

Rat ir-rikors tal-Avukat ghal-Ghajnuna Legali li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-esponeneti huwa wiehed mill-avukati nominati bhala Avukat ghal Ghajnuna Legali u kuratur ad litem tal-elenku;

2. Illi kkomunika meighu l-konvenut C B fejn prezentement qed jghix fl-esteru u ghamillu talba sabiex ikun ista' jikkontesta l-kawza ta' annullament li saret minn martu kontra tieghu u dan bil-beneficcju tal-gahjnuna legali;

3. Illi l-konvenut m'ghandux il-mezzi biex ikun jista' jhallas sabiex jikkontesta din il-kawza u bl-agir ta' martu l-esponent sa spicca tilef ix-xoghol li kellu hawn Malta billi z-zmien li jibqa' hawn Malta ma kienx gie mgedda mill-Kummissarju tal-Pulizija fuq rapport ta' martu u spicca mkecci mill-pajjiz;

4. Illi prezentement il-konvenut ghandu talba pendenti quddiem il-Kummissarju ta-Pulizija sabiex jidhol lura Malta u jkun jista' jattendi personalment il-Qorti u jikkontesta t-talbaattrici;

5. Illi l-konvenut bhalissa lanqas ma huwa jahdem;

6. Illi l-esponenti sar jaf il-konvenut ftit zmien qabel ma telaq minn Malta u jaf li l-konvenut ma kellu ebda assi hlief il-paga tax-xoghol fejn dak iz-zmien kien qed jahdem;

7. Illi fl-umili fehma tal-esponenti u wara li ghamel l-indagini kollha possibbli, jhoss li l-konvenut jikkwalifika ghal beneficcju tal-ghajnuna legali;

Talab lil din il-Qorti:

i) Taccetta dina t-talba u tawtorizza lill-konvenut C B jiddefendi ruhhu bil-beneficcju ta' ghajnuna legali;

ii) tahtar lill-esponenti bhala kuratur ad litem ghalll-istess konvenut assenti;

iii) tawtorizzah jipprezenta atti gudizzjarji f'isem il-konvenut stante li huwa jqis il-kwistjoni bhala wahda urgenti;

Rat ir-risposta guramentata ta' kuraturi deputati li ddikjaraw:-

1. Illi b'digriet tat-30 ta' Mejju 2006, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C Zeid;

2. Illi huma m'ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern;

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat in-nota[1] ta' C B fejn assuma l-atti minflok il-kuraturi;

Rat ir-risposta guramentata ta' C B li ddikjara:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra r-rikorrenti;

2. Illi l-esponenti jichad li hemm ragunijiet validi ghall-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taghhom la li huma imputabbli lilu u lanqas ohrajn li jistghu iwasslu biex iz-zwieg ta' bejniethom jigi dikjarat null u bla effett;

3. Illi mhuwiex minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa zwieg ta' konvenjenza u l-esponenti kien ilu jghix hawn Malta ferm qabel ma iltaqa' mar-rikorrenti u ddecidew li jizzewgu, u ma kellu ebda htiega li jizzewweg lir-rikorrenti biex jibqa' jghix hawn Malta;

4. Illi meta r-rikorrenti iddeciediet li tizzewgu hija kienet taf x'inhi taghmel u dahhlet ghal din ir-responsabbilita' b'ghajnejha miftuhin u kienet taf x'inhi taghmel;

5. Illi l-esponent dejjem gab rispett lir-rikorrenti u ghadu jirrispettaha sallum, u r-rikorrenti qed tfittex li tannulla z-zwieg a semplici fatt li qed tipprova tfittex relazzjoni ohra

[1] a folio 32

ma' haddiehor u qed tasal biex tirrikorri ghal kollox inkluz ghall-falsita, u hija biss ghal din ir-raguni promiskwa li qed tintenta tannulla z-zwieg taghha u ghal ebda raguni valida u legali ohra;

6. Illi l-esponenti qatt ma sawwat jew jaqar lir-rikorrenti u kemm ilu jafha dejjem gabilha rispett kemm lilha kif ukoll lit-tliet ulied taghha kif jistghu jikkonfermaw dan l-istess uliedha;

Salv twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat il-provi mressqa.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi**

Mill provi mressqa jirrizulta li wara li sfat armla bi tlett it-tfal, l-attrici iltaqghet mal-konvenut, persuna ta' twemmin musulman u ta’ nazzjonalita' Egizzjana, permezz ta' ohta li kienet habiba mal-konvenut. Peress li ma kenitx fi stat mentali tajjeb, it-tfal kienu bdew jirrisjedu f’dar tat-tfal minflok mal-attrici. Wara ftit xhur li saru jafu lil xulxin il-partijiet izzewgu fit-3 ta' Dicembru 1996 l-ewwel gewwa l-Moskea bir-rit Musulman imbaghad bir-rit Civili Malti. Wara li zzewgu l-partijiet marru joqghodu l-Egittu ghal ftit zmien u meta regghu lura Malta marru joqghodu f'post tal-kera peress li d-dar li kellha l-attrici inbieghet. Matul il-hajja konjugali li damet xi sentejn it-tfal kienu jmorru d-dar fil-weekend u gieli inqalghu incidenti li spiccaw fi vjolenza. Eventwalment il-konvenut spicca biex abbanduna lill-attrici.

***Verzjoni attrici***

L-attrici tat it-testimonjanza taghha permezz ta' affidavit[2] u viva voce'.

Tghid li wara l-mewt ta' zewgha li halliha bi tlett itfal, ohtha, li kienet mizzewga persuna ta' twemmin Musumlann, laqqatha mal-konvenut li kien ukoll ta' twemmin Musulmann. Dak iz-zmien *"jien ghaddejt minn perjodu ikrah hafna u ma stajtx inlahhaq ma' uliedi stess, tant li ghal xi zmien jiena kont waqajt f'dispressjoni qawwija u t-tfal kienu jghixu l-Istitut. Jiena wkoll kont taht kura.'*

[2] a folio 26 et seq u folio 72 et seq

Tghid li minkejja li l-konvenut kien qalla li *'hu xtaq jghix mieghi u jrabbi familja',* il-hajja konjugali tatha indikazzjonijiet mill-bidu nett illi *'huwa ma riedx tassew li jizzewwigni u ma riedx jghix hajja normali mieghi fiz-zwieg.'*

L-attrici xhedet illi wara li l-partijiet izzewgu bir-rit Musulman gewwa l-Moskea, il-konvenut, li skond l-attrici kellu problemi mal-awtoritajiet Maltin peress li kienet skaditlu l-visa u kien ser jitkecca minn Malta, insista b'mod aggressiv mal-attrici sabiex jizzewgu wkoll bir-rit civili. L-attrici tghid illi wara argument bejniethom li anke spicca fi vjolenza fl-ahhar cediet u accettat li jizzewgu civilment.

Tghid hekk: *"Fl-ewwel xhur taz-zwieg, jiena kont ghadni f'dipressjoni u s-swat li kont insofri minn zewgi komplew aggravaw din il-problema.* Ghalkemm mizzewweg, il-konvenut *'kien johrog wahdu u kien jibqa' barra tard hafna bil-lejl.'* u ohtha kienet tghidilha li tarah fil-prezenza ta' nisa ohra. Kien ihalliha nieqsa mill-ikel u flus u *'kien hemm diversi drabi meta C kien isawwatni u kien anke drabi meta sawwat lil ommi.'*

Iddecidew li jmorru l-Egittu, inbieghat id-dar tal-attrici u l-flus hadhom l-Egittu. Hemmhekk ma kienx hemm tibdil fil-hajja - rari kienu johorgu flimkien *'Kont nohrog biss ma' ommu u ma' ohtu....... Meta kont nghidlu biex nohorgu bhala familja kien isawwatni u darba anke sawwatni bil-wire tat-television. Kont ghamilt xahrejn lanqas stajt nilbes hwejjeg ta' taht minhabba l-istat li kien fih dahri wara s-swat tieghu"* L-attrici ma dratx il-hajja fl-Egittu u ghalhekk ikkonvinciet lill-konvenut sabiex jirritornaw lura Malta. Hekk ghamlu u krew post San Pawl il-Bahar.

L-attrici xhedet illi l-affarijiet marru ghall-aghar. *'Kien baqa' johrog wahdu u jdum anke sa l-erbgha ta' fil-ghodu'* Sadanittan is-swat ma waqafx u gieli sawwatha quddiem it-tifla l-kbira. Minhabba l-agir tieghu *'kont mort l-Passport Office biex inwaqqaflu c-cittadinanza.'*

L-attrici spjegat illi f'okkazzjoni ohra fejn il-konvenut kien vjolenti maghha hija iddecidiet li titlaq mid-dar u tmur tirrisjedi band' ohra 'il boghod mill-konvenut. Tghid illi "….*minn dakinhar kont smajt illi C kien tkecca minn Malta ghaliex ma kellux Visa. Fil-prezent, jiena u C ma nikkuntattjawx lil xulxin.'*

Tikkonkludi li zzewget lill-konvenut *'ghaliex kont inhobbu u xtaqt li nibni familja mieghu. Hu kien jidher li xtaq l-istess imma l-fatti urew xorta ohra. Kien ghalhekk li jiena ma stajtx nibqa' nghix mieghu u nibqa' trattata b'dan il-mod.'*[3]

In kontro-ezami tixhed li ghalkemm kienet marret id-Depot ma ffirmatlux dokumenti biex issir Malti jew biex jahdem Malta. Tikkonferma li meta marret ir-Registru Pubbliku sabiex tapplika halli tizzewweg lill-konvenut is-Sur Bilocca, ufficjali fl-istess registru, kien wissiha ghalxiex diehla, pero' dak iz-zmien xorta riedet tidhol fiz-zwieg mal-konvenut.

[3] a folio 75

**Lily Farrugia, omm l-attrici**[4] permezz ta' affidavit tixhed li *'ma kienux damu biex jizzewgu. Ma nghidx li kienu ghamlu sena ikellmu lil xulxin qabel ma zzewgu...........qabel ma zzewgu dehru li kienu kuntenti .........gieli kienu jiggieldu.........Ma jidhirliex li kien hemm glied fuq it-tfal ghaliex C kien jidher li jhobbhom, izda nghid li kellha ritratt ta' missierhom u inqala' inkwiet bejnithom ghaliex C ma riedx dan ir-ritratt fil-kamra tieghu.'*
In kontro-ezami tikkonferma li '*it-tfal li kellha miz-zwieg ta' qabel u jigifieri qabel ma mietilha l-ewwel ragel A kienet baghtithom go iStitut ghaliex kellha 'depression'.'*
**Carmen Soliman,** oht l-attrici permezz ta' affidavit tixhed li l-konvenut kien habib tar-ragel li kellha u dan fil 1996 kien qalla li *'xtaq jizzewweg Malta biex ikun jista' jibqa' Malta. Darba anke qalli wkoll illi kien possibbli li hu ihallas lil xi hadd u dan jirrangalu zwieg sabiex ma jitkecciex minn Malta. Fil-fatt, kien prova jaghmel dan imma minhabba nuqqas ta' flus ma kienx irnexxielu.'*
Qabel ma introduciet lil ohtha mal-konvenut '*Kont staqsejtu specifikament jekk kienx sabiex igib il-passaport u hu accertani li le u li riedha bis-serjeta'. Jiena kont ghedtilha biex toqghod attenta ghaliex kont smajt certu affarijiet minghandu stess dwar l-intenzjonijiet tieghu.'*
Tikkonferma li '*A kellha depression kbira fiz-zmien li ltaqghet ma' C. Kien ghadu kemm mitilha r-ragel u hallieha tqila b'tarbija u kien ghalhekk li kienet iktar dghajfa meta ltaqghet mieghu'*
Tghid li ohtha kienet ghamja bl-imhabba ghalih u '*Meta ppruvajt niftah ghajnejn ohti kien ghalxejn.'* Tixhed li dak in-nhar stess tat-tieg bir-Registru il-konvenut kien sawwat lil A u kien biss wara lil weghdha li mhux ser jerga jgholli idejh li accettat u izzewgitu.
Tghid - '*Li kieku ma zzewgux bir-Rit Civili, C kien ser jitkecca minn Malta ghaliex kienet skadietlu l-Visa.'*
Dwar il-hajja konjugali oht l-attrici tixhed li ghalkemm kien jittma t-tfal tal-attrici, kien isawwathom meta ma kienux jobdu jew ikun rieqed u jqajmuh. Lill-attrici ma kienx jaghtiha flus u gieli sabet lil ohtha minghajr xejn biex tiekol. Kienet gieli tarah fil-prezenza ta' nisa ohra '*Meta kont nikkonfrontah kien jghidli li kont rajt hazin. Lil A kont nghidilha imma ma kinitx temminni ghaliex kienet tahseb li kont nghidilha hekk biex titilqu. Ma setghatx temmen ghaliex kienet tahseb li kien genwinament ihobbha.'*

Ix-xhud tghid li meta kien hemm l-ennezima okkazzjoni fejn il-konvenut refa jdejh fuq l-attrici, l-attrici spiccat telqet mid-dar matrimonjali. Tghid hekk ix-xhud: '*Tamar kien gie ghandi wara biex jirranga imma dan kien ghaliex A kienet irrifutat li tiffirmalu ghall-Passaport.'*

Tikkonkludi li *'A izzewget lil C sabiex jghaqqdu familja u jghixu hajja felici flimkien. Imma C, zzewweg lil ohti sabiex ikun jista' jibqa' Malta…….'*

***Verzjoni tal- konvenut***

[4] a folio 51

Il-konvenut xhed illi kien ilu ftit zmien minn 1995 jghix Malta ma' huh; Meta iltaqa' ma l-attrici '*riditni li nizzewgu mill-ewwel'.* u fil fatt *'f'temp ta' hames xhur jew erba' xhur konna gja izzewwigna'.* Hu oggezzjona ghall-dan iz-zwieg *'ghax kien jaf bil-problema li ghandha.'* Wara li zzewgu '*Bdejt nara kif se nahdem u dak iz-zmien kont ghadni nibda b'ktieb tax-xoghol u bdejt nirregistra ghax-xoghol fil-bidu.'*

Jichad li izzewweg sabiex jibqa' hawn Malta - Jghid li ma kellux ghalfejn *jizzewweg sabiex jibqa Malta'ghax stajt gej u sejjer kif kont normali. Anzi kien ikun jaqbilli izjed. Ma kienx ikolli ghalfejn nidhol f'responsabbilita ta' zwieg bi tlett itfal biex noqghod hawn Malta. Stajt sibt tfajla easy biex nizzewwigha......'Minn naha ta' A hi riedet tizzewwigni. Infatti ohtha laqqatna flimkien.'*

Jinnega li kien ikun hemm is-swat minn naha tieghu. Anzi jghid illi s-swat kien minn naha tal-attrici.

Dwar ix-xoghol jghid li meta kien Malta fil 1995 kien jahdem bla ktieb tax-xoghol u jinnega li meta zzewweg lill-attrici kienet skadietlu l-visa.

Xehedu diversi **Spetturi**[5] prodotti mill-konvenut sabiex jigi ikkonfermat il-posizzjoni tal-konvenut fis-sena 1996. Intqal illi '*Fl-1996 il-procedura kienet li ma kienx hemm bzonn applikazzjoni ghal Visa qabel il-wasla, pero' kien jigi deciz jinghatax Visa jew le upon arrival, jigifieri malli jasal hawn Malta.'*

**Rapprezentant mid-Dipartiment tac-Cittadinanza** tikkonferma li '*C B qabel ma zzewweg ma setax ikollu freedom of movement ghax trid tkun mizzewweg Maltija biex ikollok il-freedom of movement.'*[6]

**Spettur** in rappresentanza tal-*Principal Immigration Officer* mis-sezzjoni tal-immigrazzjoni tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija, taghmel referenza ghal zewg files antiki li jmorru lura fl-1996. Minn dawn il-files tikkonferma li kien hemm applikazzjoni ghal cittadinanza f'Malta mill-konvenut fil- 31 ta' Dicembru 1996. Tispjega: *'biex il-konvenut seta' japplika ghal cittadinanza kellu jkun Malta qabel il-1996 zgur. Bhala general procedure biex tapplika ghal cittadinanza trid tkun domt hames snin hawn Malta............kif qed jiddikjara l-applikant jirrizulta illi f'Marzu 1996 l-applikant kien qed joqghod hawn Malta. L-extension of stay dak iz-zmien ma kienx jezisti f'dan il-kaz minhabba l-fatt li dan kien hawn Malta biz-zwieg u kellu l-freedom of movement u ma kellux bzonn jestendi z-zmien tieghu..........Jekk il-persuna li kien mizzewweg maghha ma kienx ikun cittadin Malti fuq bazi ta' zwieg huwa ma jkunx jista japplika. Umbaghad hemm kazijiet ohra fejn inti tista tapplika by naturalization. Sa Marzu 1996 pero ddikjara li huwa kien ghadu jghix fl-Egittu u kien ikun irid ammont ta' snin joqghod hawn Malta biex ikunu jistghu jiddikjaraq ic-cittadinanza tieghu anke by*

[5] Spettur Mario Haber a folio 184, Spettur Edel Mary Camilleri a folio 201
[6] a folio 204

*naturalisation. Fin-1996 huwa kien ghadu joqghod l-Egittu u allura ma kellux ammont ta' zmien bizzejjed biex huwa japplika ghac-cittadinanza by naturalization.*[7]

**L-Azzjoni**

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob li z-zwieg tal-partijiet jigi dikjarat null. Issejjes l-azzjoni minnha ntavolata fuq zewg premessi:-

(1) Illi l-konvenut meta kkontratta l-imssemmi zwieg ma kellux il-hsieb li z-zwieg ikun permanenti ghall-hajja,

(2) Illi l-konvenut meta kkontratta z-zwieg ma kellux il-hsieb li ma jkollux aktar minn mara wahda fl-istess hin.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Gurisprudenza nostrana konstantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqq. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma izzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost bil-ligi. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs. Alexander Tonna"** deciza fis-6 ta' Novembru 1991:-

*"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għallannullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor.'*

*Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."*

F'sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Joseph B vs Bernardette B"** (27 ta' Jannar, 2006) jinghad hekk:

*"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe' li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Issir ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** deciza fit-28 ta' Lulju 1987:-

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett……….Ghall-Qorti nnullita' hija haga*

[7] a folio 207

*serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**
Jidher illi l-attrici qed issejjes il-kawza minnha ntavolata fuq l-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

**Artikolu 19 (1) (f)** jipprovdi illi zwieg huwa null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

In tema gie ritenut illi "Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili, u cjoe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti tal-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni, u cjoe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inciz (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi ppruvat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzzjoni tkun saret b'att pozittiv tal-volonta ta' dik il-parti." ("**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit**" – Qorti tal-Appell – 27 ta' Jannar 2006).

Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni ghalkemm kien ser jippartecipa fic-certimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard" (**Prima' Awla **-** ta' Marzu 2000**)** inghad:

*"Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkreja shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin,"*

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wahda mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kkapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero bl-atti tieghu qabel u fil-bqija tal-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga...........jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskluda xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga..."*

Riportat dan it-taghlim ghall-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kunsens tal-konvenut fil-mument tal-kuntrattazzjoni taz-zwieg tal-partijiet kien simulat. Huwa evidenti illi l-unika skop li kellu l-konvenut meta attenda ghac-cerimonja taz-zwieg mal-attrici ma kienx li

jifforma familja izda sabiex jottjeni l-permess sabiex jibqa' jirrisjedi f'Malta peress li kien f'risku li jitkecca minn dawn il-Gzejjer. Il-konvenut iwahhal fl-attrici li riedet tizzewweg malajr. Addirittura jaghti f'jifhem illi bhal donnu li kien ghalih ma zzewgux meta fil-fatt izzewgu. Ghalkemm fit-testimonjanza tieghu il-konvenut jaghti wiehed x'jifhem illi ma kellux diffikulta' dak iz-zmien sabiex jirrisjedi hawn Malta, il-provi juru mod iehor. L-ufficjali mit-taqsima tal-immigrazzjoni xhedu illi kieku l-konvenut ma zzewwigx ma kienx ikollu dritt jibqa' hawn Malta. Jirrizulta illi f'anqas minn xahar wara li zzewweg lill-attrici, l-konvenut mar japplika ghac-cittadinanza Malta.

Ezaminati l-provi mill-ottika tas-sub-inciz in dizamina, il-Qorti hija konvinta li ghall-konvenut dan tal-partijiet kien purament 'zwieg ta' konvenjenza' u xejn aktar. Jirrizulta illi mill-ewwel jiem taz-zwieg tal-partijiet il-konvenut baqa' jghix il-hajja ta' guvni bi hrug ma' shabu 'il boghod mill-attrici. Il-konvenut ma kellu l-ebda intenzjoni li jaqdi d-doveri tieghu ta' ragel mizzewweg. Il-fatt li dan iz-zwieg falla fl-ewwel jiem li gie celebrat jikkonsolida l-fehma tal-Qorti li l-kunsens tal-konvenut kien simulat ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f).

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-kuraturi, tilqa' t-talbiet attrici,

1) Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Dicembru 1996 huwa null u bla effett legali ghar-ragunijiet previsti fl-Artikolu 19 (1) (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg.

2) Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex isiru l-annotamenti necessarji fl-att taz-zwieg de quo.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------